MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 3529/1996/1

**Maria Concetta sive Connie Coleiro mart Francis kemm bhala mandatarja tal-assenti huha Godwin Vella, kif wkoll f'isimha proprju bhala konsenjatarja ghall-fini tal-mandat ta' qbid numru 4876/96, u, ghal kull interess li jista' jkollu, zewgha Francis Coleiro u fil-kors tas-seduta tad-9 ta' Mejju, 1997, Godwin Vella assuma l-atti tal-kawza f'ismu proprjio stante li ma ghadux imsiefer u Maria Concetta sive Connie Coleiro baqghet biss fil-kawza bhala konsennatarja**

**vs**

**Marion Vella**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:-

Illi l-konvenuta hija separata "de facto" minn zewgha Godwin Vella u tghix ghal-rasha, u illi l-attur Godwin Vella jghix fil-Villa x-Xemx, Tas-Silg, Marsaxlokk, li hija d-dar konjugali;

Illi b'Mandat ta' Qbid numru 4876/96, il-konvenuta qabdet l-oggetti li kienu jinsabu fid-dar konjugali imsemmija, anki kif jirrizulta mir-riferta tal-Maixxal li kopja taghha hi hawn annessa;

Illi l-attrici Maria Concetta sive Connie Coleiro giet mahtura bhala konsejatarja tal-imsemmija oggetti elevati skond l-istess riferta tal-Marixxal (Dok. A);

Illi l-konvenuta, fil-jum tal-21 ta' Dicembru, l996, waqt li l-attur Godwin Vella kien msiefer ghall-btala qasira ma uliedu minuri, abuzivament u klandestinament dahlet bi sgass fl-immsemmija dar konjugali Villa ix-Xemx, Tas-Silg, Marsaxlokk, fejn jghix l-attur Godwin Vella, u minn hemm abuzivament u klandestinament garret tista tghid l-ghamara kollha, inkluza l-ghamara maqbuda bil-mandat ta' qbid fuq imsemmi, li ghaliha hija responsabbli l-attrici proprio bhala konsenjatarja mahtura ghall-fini tal-Mandat fuq imsemmi u kien behsiebha tkompli iggorr, kieku ma kienx l-intervent tal-attrici bl-ghajnuna tal-Pulizija;

Illi dan l-agir abusiv u klandestin tal-konvenuta, jikkostitwixxi spoll vjolent u klandestin u jaghti lok ghall-ezercizzju tal-"actio spolii" kontra taghha;

Talbu ghalhekk l-atturi li l-konvenuta tghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m'ghandiex din il-Qorti:-

1. Tiddikkjara u tiddeciedi illi bl-agir taghha abuziv u klandestin meta sgassat u dahlet fid-dar fejn zewgha Godwin Vella, Villa x-Xemx, Tas-Silg, Marsaxlokk, u minn hemm garret l-ghamara ta' go fiha, inkluza dik gja maqbuda bil-Mandat ta' Qbid numru 4876/96 mahrug minnha stess, jikkostitwixxi spoll vjolent u klandestin, u li ghalhekk hi ghandha tregga kollox fl-istat pristinu tieghu;

2. Tikkundanna lill-istess konvenuta biex fi zmien qasir u perentorju tirritorna l-oggetti kollha tal-ghamara li hija garret mill-imsemmija Villa ix-Xemx fl-istat pristinu taghhom, u dana a spejjez taghha u okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi; u

3. Fin-nuqqas li taghmel dan fiz-zmien lilha hekk prefiss, li l-atturi jigu awtorizzati li jirriprendu huma stess a spejjes tal-konvenuta, l-istess ghamara u effetti ohra kull fejn dawn jinsabu; u

4. Jekk anki dan ma jkunx possibbli, ghax l-oggetti jew ma jinstabux jew ikunu gew trasferiti lil-terzi, li l-konvenuta tigi kundannata li thallas il-valur taghhom kif stabbilit minn periti nominandi, salva kull azzjoni ohra ghad-danni kompetenti lill-atturi kontra l-konvenuta;

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn gie eccepit illi t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress li l-azzjoni ta' spoll mhux esperibbli bejn il-konjugi li ghandhom il-pussess tal-oggetti taz-zwieg bejniethom, u l-attrici fejn

qed tagixxi proprio ma tistax tallega li giet spossessata minn "hwejjigha" kif trid il-ligi. L-attur da parti tieghu ippossessa ruhu minn diversi oggetti u ghandu bl-istess mod fil-pussess taghhom; illi l-oggetti li ghandha l-konvenuta huma dotali u parafernali taghha, u ghalhekk hija dejjem zammet il-pussess esklussiv taghhom, imqar jekk kienu taht is-saqaf tad-dar konjugali; illi l-konvenut kien ippussessa ruhu mill-oggetti vjolentement peress li minhabba l-agir tieghu l-attrici kellha titlaq mid-dar u ma setghetx tiehu l-oggetti taghha parafernali u dotali, u ghalhekk mhux moghtija l-azzjoni ta' spoll meta dan kien risposta ghall-agir vjolenti da parti tal-istess attur;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet id-deposizzjoni tal-atturi u tax-xhieda minnhom prodotti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Marzu 1999;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta illi l-attur Godwin Vella huwa mizzewweg lill konvenuta, pero' dawn huma separati "de facto". Il-konvenuta tghix ghar-rasha f'San Giljan filwaqt li zewgha l-attur jghix fid-dar konjugali f'Marsaxlokk. Jirrizulta ukoll li f'Dicembu tal-1996, waqt li l-attur kien imsiefer ghal btala qasira, l-konvenuta marret fl-imsemmija dar konjugali, ovvjament minnghajr ma kien jaf l-istess attur, u minn hemmhekk hadet ghamara u oggetti ohra, li l-istess konvenuta fin-nota ta eccezzjonijiet taghha tallega li kienu hwejjeg taghha parafernali;

Jirrizulta inoltre li xi zmien qabel l-istess konvenuta kienet ottjeniet il-hrug ta mandat ta qbid kawtelatorju ghar-rigward ta uhud minn dawn l-oggetti u kienet giet nominata bhala konsinjatarja l-attrici l-ohra Connie

Coleiro, li tigi oht l-attur. Jigi rilevat li l-oggetti maqbuda bl-imsemmi mandat kawtelatorju baqghu fid-dar konjugali nonostante li kienet giet nominata persuna bhala konsinnatarja;

L-atturi qed jallegaw li l-agir tal-konvenuta kien abusiv u klandestin u l-konvenuta kkommettiet fil-konfront taghhom spoll recenti u klandestin u ghalhekk qed jitolbu li l-konvenuta tirritorna l-ghamara u l-oggetti l-ohra kollha li hadet mid-dar konjugali fl-imsemmija okkazzjoni ta Dicembru 1996 u li terga tpoggi kollox fl-istat pristinu tieghu;

L-oggetti in kwestjoni huma elenkati fil-lista dokument "B". Jista jkun li barra minn dawn l-oggetti l-konvenuta hadet xi hwejjeg ohra. Skond l-atturi l-konvenuta bl-agir abuziv u klandestin taghha, apparti li iddisturbat lil-zewgha fil-pussess tal-istess effetti u oggetti ta' ghamara, nehhiet wkoll l-istess oggetti u ghamara minn taht il-kontroll u l-harsien tal-attrici bhala konsenjatarja u b'hekk ippregudikat serjament il-posizzjoni taghha u anki esponietha ghall-azzjoni ghad-danni;

Il-konvenuta da parti taghha ssostni li l-oggetti li hadet huma dotali u parafernali u ma ghandha xejn li hija tal-komunjoni. Issostni li bejn il-mizzewgin ma hemmx l-azzjoni ta' spoll vjolenti u klandestin, u dan peress li kull parti hija presunta li qed izzomm l-oggetti, jekk ikunu tal-komunjoni, ghan-nom u fl-interess taz-zewg partijiet, u hadd ma jista b'mod gudizjali jipppretendi li jagixxi kontra l-parti l-ohra. L-attrici ma tistax tghid li kellha l-pussess ta' l-oggetti in kwestjoni peress li dan mhux il-pussess rikjest mill-ligi ghall-azzjoni ta spoll vjolent u klandestin. Il-konvenuta hadet biss dawk l-oggetti li huma dotali u parafernali taghha;

Din hi azzjoni ta spoll privileggjat u sabiex tirnexxi din l-azzjoni hu bizzejjed li l-atturi jipprovaw illi huma semplicement kienu il-pussessuri tal-oggetti in kwestjoni. In effett hu ukoll bizzejjed li l-atturi jipprovaw l-anqas grad ta pussess, u cioe li ghallinqas huma kienu qed jiddetjenu l-istess oggetti anke ghan-nom ta terzi. F'dan ir-rigward il-posizzjoni taz-zewg atturi, fil-konfront tal-oggetti in kwestjoni kif ukoll fil-konfront tal-konvenuta, trid bilfors tigi esaminata sepratament;

L-attrici Connie Coleiro qed tagixxi in kwantu hija kienet giet nominata bhala kosinnatarja tal-oggetti li kienu gew maqbuda permess ta' mandat ta' qbid kawtelatorju li kien gie ottenut mill-konvenuta kontra zewgha l-attur Godwin Vella. In-nomina tirrizulta mill-verbal li ghamel il-marixxal li kien qed jesegwixxi l-imsemmi mandat. Fil-fatt il-marixxal ivverbalizza li huwa, ghar-rigward tal-oggetti li nqabbdu permezz tal-istess mandat, kien qed jahtar lill-attrici Maria Concetta sive Connie Coleiro bhala konsennatarja. Ghalhekk l-attrici giet nominata "biex tiehu taht il-harsien taghha l-oggetti kollha" li gew maqbuda bl-istess mandat. Jirrizulta pero' li l-attrici ma haditx l-oggetti in kwestjoni taht il-harsin taghha izda l-istess oggetti baqghu fid-dar konjugali fejn kien joqod l-attur. Ghalhekk dawn l-oggetti bl-ebda mod ma kienu fil-kontroll jew fil-pussess tal-attrici. Lanqas ma jirrizulta li l-attrici kienet qed tiddetjeni dawn l-istess oggetti. Ghal kull buon fini ghandu jinghad li l-provedimenti tal-ligi li jittrattaw dwar il-kunsinnatarji (artikolu 291 sa 293 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili) jippresupponu li l-kunsinnatarju jiehu taht idejh l-hwejjeg maqbuda bil-mandat;

Ghalhekk l-azzjoni ta' spoll li qed tittanta l-attrici ma tista qatt tirnexxi;

Fil-konfront tal-attur ghandu jinghad li jirrizulta li l-oggetti in kwestjoni kienu fid-dar konjugali. Ma jirrizultax b'mod car jekk dawn l-oggetti kienux jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti jew jekk kienux parafernali tal-konvenuta kif qed tallega l-istess konvenuta. Fi kwalunkwe kaz ghar-rigward tal-mizzewgin ghandu jitqies li kemm ir-ragel kif

ukoll il-mara ghandhom il-pussess kongunt tal-oggetti li jinsabu fid-dar konjugali;

Ghlhekk ir-tagel ma jistax jghid li huwa ghandu l-pussess esklussiv ta' dawn l-oggetti, huwa legalment jaqsam dan il-pussess ma martu. Minhabba f'hekk, sewwa tissottomettti l-konvenuta fl-eccezzjonijiet taghha, li bejn il-mizzewgin ma hemmx l-azzjoni ta' spoll. Hemm il-presunzjoni legali li kemm il-mara kif ukoll ir-ragel qed izzommu l-oggetti fid-dar konjugali ukoll ghan-nom u fl-interess tal-parti l-ohra. Ghar-rigward ta' dawn l-oggetti jista jkun li l-pussess fisiku jkun ghand wiehed mill-konjugi, pero' dan ma jeskludix il-pussess li ghandu ghar-rigward tal-istess oggetti l-konjugi l-iehor;

In vista ta' dan kollu l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta ghandhom jigu akkolti u konsegwentement it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u billi fit-tieni lok tichad it-talbiet kollha tal-atturi;

Spejjez kontra l-atturi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------